**GUDIKATUR:DR. PHILIP MANDUCA LL.D**

**Seduta tal-nhar it-Tnejn, 10 ta' Settembru, 2001**

**Avviz. Nru. 171/01 PM**

**Maltacom plc**

**Vs**

**Vincent Borg**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi presentat tis-7 ta' Marzu 2001 fejn is-socjeta attrici tablet li l-konvenut ghandu ihallas Lm119.77 rappresentanti hsarat li ikkaguna l-konvenut fuq cables tas-socjeta' attrici.

Ra id-dokumenti esebit mis-socjeta' attrici (Rapport tal-Pulizija u kont mibghut lil konvenut).

Ra l-eccezzjonijiet tal-konvenut fejn ecepixxa li mhux il-legitimu kontradittur peress illi huwa qatt ma ghamel xi xogholijiet fi Triq

Raddet ir-Roti, Xemxija u wisq anqas kkaguna l-hsarat li ssir referenza ghalihom fit-talba.

Ra li fil-4 ta' Mejju 2001 l-kawza giet differita ghal provi kollha tal-partijiet dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas tar-relazzjoni guridika ghal-1 ta' Gunju 2001.

Ra li fl-1 ta' Gunju 2001 deher biss il-konvenut u l-avukat tieghu.

Ra x-xhieda tal-konvenut.

Ra li fl-istess jum il-kawza baqghet differita ghal provi kollha tal-partijiet ghall-15 ta' Gunju 2001 "f'liema seduta il-kawza tigi mhollija ghas-sentenza".

Ra li fil-15 ta' Gunju 2001 dehru r-rappresentanti tal-partijiet u qablu li l-kawza tigi differita ghal-decizjoni dwar l-eccezzjoni tan-nuqqas ta' relazzjoni guridika bejn il-partijiet.

Sema ix-xhieda ta' Vincent Borg li kkonferma bil-gurament li huwa personalment qatt ma ghamel xi xoghol kif allegat fl-avviz tat-Talba. Vincent Borg zied qal li s-socjeta' V& C Contractors Ltd. ghamlet xi xoghol hemm.

Ikkunsidra li mill-provi ppresentati jirrisulta manifestament li l-konvenut ma ghandu ebda relazzjoni guridika mas-socjeta' attrici u mhux l-legittimu kontradittur.

Ghaldaqstant t-talbiet attrici fil-konfront tal-konvenut Vincent Borg ghandhom jigu michuda.

Bl-ispejjez kontra s-socjeta' attrici.

**Av. Dr Philip Manduca**

**Gudikatur**